MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2004

Avviz Numru. 137/1997/1

**George Formosa**

**-vs-**

**John Mizzi**

Il-Qorti;

Rat l-avviz ta’ l-attur li talab il-kundanna tal-konvenut biex ihalsu il-bilanc dovut minnu ghal xoghol u parts uzati fuq zewg magni liema bilanc jammonta ghal mitejn u tnax-il lira Maltin (Lm212).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-tletin ta’ Ottubru 1997. Bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut John Mizzi fejn eccepixxa:

Illi huwa m’ghandu jaghti xejn lill-attur billi huwa hallas lill-attur is-somma ta’ seba’ mitt lira Maltin (Lm700) li hija somma ferm ghola minn dak li kellhu dritt ghaliha l-attur.

Illi meta l-konvenut inkariga lill-attur biex jaghmillu xi xoghol fuq magna tal-barriera ma ftehmux fuq il-prezz pero’ meta l-attur baghat il-kont tieghu ghall-ammont ta’ disa’ mija u disgha liri Maltin (Lm909) li kien jinkludi s-somma ta’ erba’ mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm485) prezz ta’ spare parts u erba’ mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm485) ghax-xoghol il-konvenut mill-ewwel qallu li dan kien kont eccessiv u talbu l-invoices ta’ l-ispare parts u spjegazzjoni ta’ kif ix-xoghol tela’ Lm485 huwa ssuggerielu li jqabbdu persuna indipendenti u joqghodu fuq l-istima tieghu u qallu illi kien lest ihallas anke aktar mis-somma mitluba ta’ Lm909 jekk l-istima tal-persuna li titqabbad tistma x-xoghol aktar basta li huwa jkun lest li jirrifondi jekk l-istima tkun inqas mis-Lm700 li tah; (ara kopja ta’ ittra tal-11 ta’ Novembru 1997 Dok A);

Illi l-konvenut ta’ hallas lill-attur is-somma ta’ Lm700 mhux ghax hass li l-attur kellu dritt ghal somma ferm izghar imma proprju biex jevita l-Qorti;

Illi ghalhekk id-domanda attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kotnra l-attur.

Ezaminat il-provi;

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament preseduta tas-6 ta’ Mejju 1999 fejn innominat lill-Joseph Zammit bhala espert tekniku;

Rat ir-relazzjoni presentata fit-28 ta’ Awissu 2002 u mahlufa fis-16 ta’ Ottubru 2002;

Rat il-verbali taghha li segwew;

Ikkonsidrat:

Din hija kawza li titratta hlas ta’ ammont bilancjali li l-attur jippretendi ta’ xoghol ta’ ingenjerija li huwa esegwixxa fuq inkarigu tal-konvenut. Li x-xoghol gie kkumissjonat u esegwit m’huwiex kontestat. Dak li l-konvenut oggezzjona ghalih huwa l-kont li huwa rah eccessiv.  Intant, jirrizulta li l-kont finali mahrug mill-attur kien ghas-somma ta’ dia’ mija u tnax-il lira Maltin (Lm912)  (kif spjegat mid-dokument ‘FG3’ folio 8) li minnhom l-konvenut hallas sebat mitt lira Maltin (Lm700) “biex naghlaqlu halqu u nzommu kuntent izda ma rridtx inkompli naghtih aktar” (vide xhieda tal-konvenut folio 19).   L-attur qieghed ghaldaqstant jitlob l-hlas tal-ammont bilancjali ta’  mitejn u tnax-il lira Maltin (Lm212).

Illi jidher li hemm qbil li ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet ghal dak li kien ser jkun il-prezz tax-xoghol in kwistjoni. Skond ma’ xehed l-attur ix-xoghol kien jirrikjedi certa specjalizzazjoni stante li kellhom jsiru xi modifikazzjonijiet fuq il-zewg magni in meritu li kien anka jirrekjedi xoghol bit-torn sabiex jinhadmu xi bicciet partikolari. Stqarr l-attur li hadem fuq il-magni, erba’ u sebat ijiem rispettivament, u kkalkolha li b’kollox ddedika tliet mitt (300)  siegha, apparti tlett tijiem xoghol preparattiv.   Zied li l-konvenut kien talbu li jlestihomlu kemm jista jkun malajr.  Il-konvenut da parti tieghu, fix-xhiedha xotta li ta quddiem din il-Qorti diversament preseduta, rribadixxa li l-kont rah gholi u lmenta specifikament ghall-ammont ta’ mija u sitta u tletin lira Maltin (Lm136) prezz ta’ hadid (li jirrizulta mid-dokument folio 8) dwar liema rrimarka li “ma kellux b’Lm5”.

Illi l-perit tekniku nominat ma sab xejn dwar li x-xoghol ma kienx esegwit skond is-sengha u l-arti, anzi, kkonkluda li dak kollu msemmi fid-dokument riferit a folio 8 kien gie kollu uzat fix-xoghol. Fir-relazzjoni tieghu hu rrefera u ta deskrizzjoni tax-xoghol, irribadixxa li fl-ebda stadju ma kien sar xi lment mill-konvenut fuq il-kwalita’ tax-xoghol, u wara li kien spezzjona z-zewg magni, wasal ghall-konkluzjoni li l-prezz tal-hadid uzat kellu jkun ta’ tmenin lira Maltin (Lm80), u dwar zebgha u zejt il-prezz kellhu jkun ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).   Kien wkoll

tal-opinjoni li l-prezz ghax-xoghol minn erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) kellu jkun ridott ghall-tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350).

Illi dwar dan l-ahhar punt il-Qorti mhux qeghdha taqbel. Fl-ewwel tghid, stante, illi r-riduzzjoni proposta mkien ma tirrizulta sostanzjata. Fil-fatt ebda spjegazzjoni teknika jew xort'ohra ma ngabet bhala gustifikanti. It-tieni, ghaliex anke mir-rapport peritali din il-Qorti setghet tapprezza mhux biss l-utilita' u l-gwadann recepit mill-konvenut izda wkoll l-lat ta' specjalizazzjoni li kien rikjest biex isir u jigi attwat l-istess xoghol.

Ghaldaqstant, taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba tal-attur limitatament pero' ghall-ammont ta' mija u wiehed u erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm141.25) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dan l-ammont bl-imghax dekorribbli mit-30 ta' Ottubru 1997 sal-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithalsu kwantu ghal-terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenut.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------